# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU.  878

KAZ NRU.  1016

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Mario Vella

u

Office Technology Limited

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data :  13 ta' Ottubru, 1997

**Chairman :  Is-Sur Maurice Petrocochino**

Din il-kwistjoni giet riferita mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra datata 1 ta' April, 1996 b'riferenza ME 4/95/124/II skond il-provvediment ta' l-Artikolu 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-kaz gie assenjat lic-Chairman A. Farrugia L.P. li pero' ma setax ikompli jagixxi mhabba ragunijiet ta' sahha u l-kaz gie assenjat lil dan it-Tribunal fit-13 ta' Frar, 1997.

Fl-iStatement of Case taghha il-kumpanija, wara li elenkat il-fatti, dahlet dan il-paragrafu :- " Vella pero' tani rapport inadegwat u mhux komplut li ma ppermettielihiex naghmel dak li xtaqt naghmel. Jiena ghalhekk gejt kostrett nitterminalu  l-impjieg tieghu b'effett immedjat."  Minn dan jidher li l-kumpanija kienet qeghda tikkunsidra t-tkeccija bhala sommarja u mhux ghar-ragunijiet ta' redundancy ghalkemm kien hemm il-

possibilita’ li jkun hemm reduendacy jekk il-problema li kellha man-National Oil Company ma tigix solvuta.

Fin-nota ta’ sottomissjonijiet finali l-kumpanija irreferiet ghal zball fenominali li kien sar pero’ eskludiet li t-tkeccija kienet saret minhabba dan l-izball.

Gew elenkati l-fatti ta’ nuqqas ta’ korrettezza tar-rapporti li kien jaghmel l-appellant u rega’ gie dikjarat li l-izbalji li taw lok ghas-sospensjoni ta’ ordnijiet ma wasslux lis-socjeta’ biex tikkundanna lill-appellant. Fl-ahhar paragrafu pero’ l-kumpanija sostniet li t-terminazzjoni kienet ittiehdet ghar-ragunijiet ekonomici u biex it-tmexxija tas-socjeta’ taqa’ f’idejn ohra.

F’sottomissjonijiet ulterjuri l-kumpanija sostniet dak li ga ntqal u ziedet li mhabba c-cirkostanzi ta’ dak iz-zmien kien ragonevoli li titmexxa mill-proprjetarju; li kien hemm redundancy u li ma kienx hemm bzonn ta’ manager; u li kien hemm nuqqas ta’ responsabbilta’ kif jidher minn diskrepanzi.

Wara risposta ulterjuri tal-appellant il-kumpanija reghet issottomettiet li ma kienx hemm redundancy  imma t-tkeccija saret mhabba rapporti b’deficjenzi serji.

Ghalhekk il-kawzali ta’ redundancy qeghda tigi eskluza u allura dan it-Tribunal irid jidhol jara kienx hemm lok ta’ tkeccija sommarja peress li ma gie qatt sottomess ebda punt fuq twissijiet dwar nuqqasijiet.

L-inkwiet beda meta offerta ghal bejgh ta’ *stationery* giet kwotata, bi zball, bi prezz ta’ wiehed flok ta’ ghaxra. Din l-offerta zbaljata kienet giet iffirmata kemm mill-appellant kif ukoll mis-sur Micallef, il-Managing Director, li qal, pero’ li kien iffirma biex ix-xerrej ikun jaf li hemm hu.

Fl-ewwel korrezzjoni (ghax wara saru tnejn ohra) il-kumpanija ikkorreggiet il-prezz ta' l-ordni Nru. N1114 u gabitu ghal Lm42,330 u tat *discount* ta' 15%. Din kienet datata 17 ta' Jannar, 1996.

Fis-26 ta' Jannar, 1996 ntbaghtet korrezzjoni ohra li wriet li bi zball iehor il-prezz kien inhadem fuq dollari flok sterlini u allura il-prezz nizel ghal Lm27,541 b'*discount* ta' 15%.

Fid-9 ta' Mejju, 1996 il-klijent gie nfurmat li l-valur tal-Ordni N1114 kien ta' Lm9894 pero' r-riferenza tal-klijent giet indikata NC PF 52075/4 u mhux bhat-tnejn ta' qabel NC MS 95094/1.

Zball ta' din il-kwalita' zgur kien jiggustifika tkeccija sommarja pero' l-kumpanija qalet li ma hassetx li dan il-pass kien gustifikat; it-Tribunal jaqbel ma' din l-opinjoni meta jara x-xhieda tal-Managing Director (Pag. 16 tas-6 ta' Mejju) fejn qal "Meta saret il-korrezzjoni, biex nippruvaw naghmlu *cover up* u nghidulhom li ahna flok dollari hdimna fuq sterlina u jien qaghad fuqha u ma ccekkjajtx. Zball fatali kien dan tal-kambju" u ghalhekk kien hemm raguni li dan l-izball ma ggustifikax tkeccija ghaliex il-Managing Director kellu responsabbilta' mhux biss ugwali imma aktar ghax l-izball originali seta' jigi ammess ghax kien tant ovvju li anke' l-klijent "hatfu" u spjegazzjoni onesta kienet tkun attendibbli.

Fattur iehor importanti li ghandu jigi kkunsidrat johrog mill-ittra ta' l-appellant lis-sur Micallef datata 25 ta' Awissu, 1995. F'din l-ittra, apparti minn ilmenti generali, offra r-rizenja tieghu bhala General Manager sabiex ikun *more humanly possible* li jmexxi l-Marketing Department. Fix-xhieda tieghu tad-29 ta' April, 1997 l-appellant qal li bil-volum li kellu ma kienx fizikament possibbli li jsiru c-*checkings* u ezamijiet ta' dokumenti.

Hawn l-appellant zbalja ghaliex la ma kienx possibbli jaghmel ix-xoghol necessarju, imissu waqaf. Anke il-kumpanija zbaljat li minkejja l-ittra tal-25 ta' Awissu, 1995 ma hadet ebda decizjoni manigerjali. Wara li ra d-dokumenti ezibiti minn numri 11 sa 55 it-Tribunal jaqbel li l-volum kien tant kbir li ma setax isir minn bniedem wiehed u allura bilfors kellu jigi accettat li certu xoghol isir minn skrivani.

Kif ga ntqal ma rrizulta li kienu nghataw ebda twissijiet u jidher, mill-iStatement of Case tal-kumpanija li d-decizjoni ttiehdet f'mument instantanju. Irrizulta wkoll mix-xhieda tas-Sur Micallef tas-6 ta' Mejju, 1997 (pag. 8) li wara r-reazzjoni ta' *blacklisting* - li kienet verament gustifikata - li "f'Settembru lil hawn, minn mindu rrangajna il-problema li kellna ma' National Oil Company, ghandna aktar xoghol milli kellna qabel"

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi li t-tkeccija ma kinitx gustifikata.

Qabel ma jghaddi ghal kumpens, it-Tribunal jhoss li ghandu jirrileva li kariga ta' General Manager ghandha certa responsabbilta' - responsabbilta' li kienet tirrikjedi li l-appellant kellu jirrileva decizjonijiet zbaljati u f'certi kazi anke jirrifjuta li jiehu passi ordnati mill-Managing Director jew almenu jirregistra l-opposizzjoni tieghu bil-miktub u mhux, kif sar, jaccetta li jaghmel dak l-izball fatali ghax qallu l-Managing Director qiesu kien semplici skrivan.

Dwar l-allegati inezattezzi, l-kumpanija kienet ghada tahdem b'zewg *data basis* u allura kienu johorgu zewg rapport li jiddiferixxu minn xulxin.

Kien hemm volum ta' xoghol kbir izda ghalkemm dan gie rilevat mill-appellant, il-kumpanija ma hadet ebda passi pero' l-

appellant baqa’ jahdem u dan ifisser li kien irtira r-rizenja tieghu bhala General Manager u baqa’ jiehu l-paga li ma kienx haqqu peress li ma setax jaghmel ix-xoghol kif kellu jsir.

Dawn huma nuqqasijiet serji minn min jokkupa il-kariga ta’ General Manager u ghandu jsofri ghalihom.

Gie stabbilit mill-istess appellant li hu beda jahdem xoghol iehor tlett ijiem wara li tkecca, pero’ b’remunerazzjoni izghar. Mehuda in konsiderazzjoni dawn in-nuqqasijiet qed jigi ffissat kumpens ta’ Lm500 (hames mitt lira maltin) li ghandhom jithallsu f’zewg ammonti ugwali; l-ewwel pagament ghandu jsir sal-24 ta’ Ottubru 1997 u l-iehor sas-7 ta’ Novembru, 1997, jekk l-ewwel pagament ma jsirx fiz-zmien stabbilit, l-ammont kollu ta’ Lm500 (hames mitt lira maltin) jsir dovut immedjatament.

Ghal fini tat-tassazzjoni, qed jigi ntaxxat dritt ta’ Lm40 (erbghin lira maltin) ghal kull difensur taz-zewg partijiet u dana skond A.L. 48.

B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**-------------------**
**Maurice Petrocochino**
**CHAIRMAN**

**-------------------**
**Joyce Agius**
**A/Segretarja**

mrg